# Kuntatt

## ...ma' l-iskola t'ibnek





Ftit tal-jiem ilu kont qed nikteb messaġġ għall-ktejjeb ta' tifkira li jitqassam fl-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni. Naturalment ma stajtx ma nifraħx lil dawk l-istudenti li ddistingwew ruħhom akkademikament. Fraħt ukoll lill-ġenituri u lill-għalliema tagħhom għaliex nemmen li kellhom sehem importanti fis-suċċess miksub mill-istudenti.

Iżda nistqarr li waqt li kont qed nikteb, ħsiebi kien ukoll f' dawk il-ħafna studenti li ma ħadux premju. "Dawn kollha telliefa?" staqsejt. "Żgur li le", għaġġilt nirrispondi lili nnifsi. L-ewwelnett, bħal f'kull tellieqa, huwa wieħed biss li jista' jidħol l-ewwel. L-oħrajn kollha jiġu warajh, wieħed wara l-ieħor. Iżda dan ma jfissirx li huma telliefa.

Sakemm dik it-tellieqa daħlu għaliha b'impenn u determinazzjoni li jiġruha kollha, imqar jekk bil-pass tagħhom, allura żgur li ma jistgħux jissejħu telliefa. L-importanti li għamlu l-almu tagħhom kollu u miegħu xi ftit tas-sagrifiċċju wkoll. Dawn l-istudenti kollha m'humiex anqas minn dawk li fl-eżamijiet ġew minn ta' quddiem. Aktar u aktar jekk għalkemm mhux il-bravi nett fis-suġġetti, għandhom xi talent ieħor u jħaddmuh tajjeb. U xi ngħidu għal dawk li jħaddnu u jgħixu valuri sbieħ?

Dawn jistgħu jagħmlu differenza u jkunu ta' kontribut għas-soċjeta` wkoll. Huma biss dawk l-istudenti li ma jsibux lill-ġenituri warajhom li jispiċċaw telliefa. Ejjew ma nistennewx sa meta wliedna jispiċċaw il-kors sekondarju biex nintebħu li ħallejniehom għal riħhom u spiċċaw fi sqaq twil, dejjaq u kollu bibien magħluqa!

*J. Micallef*

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal

## Fuq l-għatba ta' l-adoloxxenza

***"Ma nistax insib tarfu…" "Mill-ħbieb jisma' u minni le…"***

Frażijiet bħal dawn jibdew jitlissnu aktar spiss mill-ġenituri meta t-tfal jidħlu fl-adoloxxenza. Għalkemm dan huwa żmien kruċjali fil-ħajja tat-tfal tagħna, ma jfissirx li għandna naqtgħu qalbna u nibżgħu għax it-tifel m'għadux aktar *"tifel"*.

Aktar milli nibżgħu, għandna niftħu għajnejna u nerfgħu r-responsabbiltà tagħna ta' ġenituri. Għandna nkunu b'seba' għajnejn għall-ħafna bidliet li minnhom ikun għaddej it-tifel. Biex tirnexxi hawnhekk, trid qabel kollox tibni relazzjoni tajba miegħu.

Din ma tinbeniex mil-lum għall-għada, imma tinbena tul il-proċess kollu tat-trobbija, fuq prinċipji ta' fiduċja u valuri sodi. Importanti li tikkommunika regolarment ma' ibnek. Flok tippriedka biss, ipprova isimgħu aktar u inkoraġġih jiftaħ qalbu miegħek. Relazzjoni mibnija fuq dawn il-prinċipji żgur tgħin biex jitnaqqas ftit mit-toqol li ġġib magħha l-imġiba ta' l-adoloxxenti.

Ma nagħmlux ħażin jekk f'dan iż-żmien ma nibqgħux nistmaw lit-tifel bħala *"tifel"*, imma min-naħa l-oħra, ir-riedni jridu jibqgħu f'idejna. Inkunu ġenituri tajbin jekk lit-tifel inrawmuh iżomm bilanċ f'ħajtu. Ma jfissirx li għax issa kiber se nħallih jitla' fuq rasi u jagħmel li jrid. Il-kelma tiegħek ta' ġenitur għandha jkollha aktar awtorità minn dik tal-ħbieb. Ftakar li jekk ibnek jiltaqa' ma' xi saram, lilek se jsib mhux lil sħabu. Aħjar uff inkella aħħ! Saħħiet.

**Bord Editorjali**: *D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco*
**Disinn**: *R. Mamo, D. Parnis*

## Quddiesa għal Jum id-Duluri

L-iskola tagħna ċċelebrat dal-jum iddedikat lill-Madonna billi organizzat żewġ quddisiet; waħda għall-istudenti tat-tieni u tar-raba` sena u l-oħra għall-istudenti ta' l-ewwel u tat-tielet sena. Qaddsu Dun David Farrugia u Dun Albert Schembri fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi. Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu u jalla l-imħabba li wrejna dak in-nhar lejn Ġesu` u Ommna Marija tibqa` fina tul ħajjitna kollha.

*L-Għalliema tar-Reliġjon*

## Ngħinu lill-istudenti tat-tieni sena fl-għażla tas-suġġetti

Dan l-aħħar saret laqgħa għall-istudenti tat-tieni sena li fiha xi għalliema tkellmu għal ftit ħin dwar is-suġġett li jgħallmu. Fi tmiem il-laqgħa, l-istudenti ngħatalhom ktejjeb b'tagħrif fuq kull suġġett ħalli jarawh flimkien mal-ġenituri tagħhom.

Il-ġimgħa ta' wara l-ġenituri ta' dawn l-istudenti kienu mistiedna jattendu għal laqgħa oħra fl-iskola tagħna fejn matulha:

(i) saritilhom taħdita dwar kif jistgħu jgħinu 'l uliedhom jagħmlu l-aħjar għażla, u
(ii) iduru *stands* tas-suġġetti li wliedhom jistgħu jagħżlu.

Tajjeb nenfasizzaw l-isforz kollettiv li sar minn diversi għalliema fl-iskola tagħna li ħadmu flimkien għas-suċċess ta' din il-ġurnata. Dawn l-*istands* għal kull suġġett baqgħu armati tul April kollu għall-benefiċċju ta' l-istudenti. L-attendenza tal-ġenituri kienet sodisfaċenti.

Wara dan kien imiss li l-għalliema tal-*Guidance* jibdew ikellmu lill-klassijiet u jikkjarifikaw xi diffikultajiet ġenerali. Waqt dan kollu, l-istudenti setgħu jitkellmu b'mod individwali ma' l-għalliema. Saru wkoll lezzjonijiet mill-għalliema tal-PSD dwar kif tieħu deċiżjoni tajba.

## Laqgħa għall-ġenituri dwar l-internet

Grupp ta' għalliema fl-iskola huwa responsabbli mill-organizzazzjoni ta' laqgħat għall-ġenituri sabiex tissaħħaħ l-għajnuna lit-tfal tagħna u flimkien inkomplu nibnu komunita` skolastika li tibqa' titgħallem tul il-ħajja. Dawn l-għalliema flimkien ma' grupp ta' għalliema speċjalizzati fl-ICT tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni organizzaw laqgħa bit-titlu: *L-internet tal-ġenn… Imma l-ġenituri jafu?* F'din il-laqgħa kienu spjegati xi affarijiet dwar l-internet u l-użu tiegħu. Il-ġenituri setgħu jaqsmu flimkien xi ħsibijiet dwar it-tajjeb u ħażin ta' l-internet. L-attendenza tal-ġenituri setgħet kienet aħjar, minkejja li t-temp ma tantx għen f'dan kollu.

*L-għalliema tal-guidance*

# *Jum il-Premjazzjoni*

L-Erbgħa 25 ta' April kienet ġurnata li se tibqa' tissemma għall-iskola tagħna għaliex fiha rajna l-ewwel jum il-premjazzjoni ta' l-Iskola Sekondarja Subien tal-Kulleġġ San Benedittu.

Is-serata li ġiet imtellgħa kienet vetrina tat-talenti varji u l-opportunitajiet li jeżistu għall-istudenti tagħna. Fil-fatt, kien hemm kant u siltiet mużikali bis-sehem tal-banda ta' l-iskola, żfin u d-dramm *Raġel bil-Għaqal*, li kien addattat għall-palk minn wieħed mill-għalliema tagħna.

Ħafna mir-rappreżentazzjonijiet kienu jinkludu studenti u għalliema flimkien u dan kompla saħħaħ il-ħbiberija u l-ħidma bejn l-istudenti u l-għalliema. L-għan li jmexxi kull ħidma fl-iskola hu l-iżvilupp f'oqsma differenti ta' kull persuna permezz ta' edukazzjoni ħolistika fejn kulħadd hu għalliem u student fl-istess ħin.

Ma setgħux jonqsu wkoll id-diskors mill-Kap ta' l-Iskola, is-Sur J. Micallef, u d-diskors mill-Koordinatriċi tal-Kulleġġ San Benedittu, is-Sra M. Sciortino. It-tnejn faħħru l-impenn ta' kull min qed jagħti sehmu fl-iskola għall-edukazzjoni ta' wliedna. Fakkru l-importanza li għandhom il-ġenituri u kemm huma meħtieġa fil-proċess tat-tagħlim. Kemm is-Sur Micallef, kif ukoll is-Sra Sciortino ferħu lill-istudenti li ħadu premju. Hija x-xewqa tas-Sra Sciortino li d-diskors tal-Kap ta' l-iskola jkun ippubblikat. Dan se jidher fuq is-sit uffiċjali ta' l-iskola u l-magażin ta' l-iskola.

Dr Louis Galea, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni semma s-sehem ta' kulħadd għas-suċċess edukattiv u saħaq fuq il-kwalita` ta' l-edukazzjoni li għandha toffri kull skola. Fid-diskors tiegħu fakkar li l-edukazzjoni tibda mid-dar u saħaq li d-dixxiplina hija l-bażi ta' kull suċċess individwali.

Il-premjijiet li ngħataw ma kinux biss fuq merti akkademiċi. Ingħataw premjijiet anke lil studenti li ddistingwew ruħhom f'ċerti valuri fosthom, ir-rispett u l-imħabba.

L-iskola tirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex din setgħet tkun ġurnata verament memorabbli għal uliedna.

*Reuben Mifsud*

# *Kalendarju - 2006 - 2007*

**Mejju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mejju | 1 | Vaganza pubblika |
| | 2 | Laqgħa għall-ġenituri ta’ l-istudenti tar-4 sena |
| | 3 | *Sports Fest* |
| | 7-11 | Eżamijiet tad-dħul għall-*Junior Lyceum* |
| | 8 | Laqgħa tal-kunsill skolastiku |
| | 9 | Kampanja ta’ tisbiħ bis-sehem ta’ *Eco Club* u *Help Guys* |
| | 15 | Laqgħa għall-istudenti tal-Kulleġġ fuq il-proġett *Shape Up* |
| | 16 | Seminar għall-istudenti tar-4 sena |
| | 23 | Laqgħa ta’ l-SDP wara l-ħin ta’ l-iskola (għall-għalliema) |
| | 28 | Seminar ta’ ġurnata – Għeluq ta’ l-SDP (għall-għalliema). L-istudenti ma jkollhomx skola |
| | 30 | Laqgħa għall-ġenituri ta’ l-istudenti ta’ l-1 sena fuq l-abbuż tad-droga |

**Ġunju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju | 1 | Bidu tan-nofs ta’ nhari |
| | 1 | Ċerimonja ta’ premjazzjoni għall-attivitajiet sportivi |
| | 4 | Vaganza Skolastika |
| | 7 | Vaganza Pubblika |
| | 13-18 | Eżamijiet annwali orali |
| | 20-28 | Eżamijiet annwali tal-kitba |
| | 29 | Vaganza pubblika |

**Lulju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Lulju | 9-11 | Taħriġ għall-għalliema |

# *Imsieken! Nitħassarhom jien*

Sejjaħt lil R.S.* fl-uffiċċju tiegħi. Ħabbat u tlabtu jidħol. Wiċċu kien aħmar nar u għajnejh kienu mbikkma. Meta għarraftu li ma kontx sejjaħtlu minħabba problemi ta' dixxiplina, ħa r-ruħ. Stidintu jpoġġi bilqiegħda. U ladarba l-qatgħa li kellu fuqu għaddiet, bdiet did-diskursata ...

Assistent Kap: *X'taħseb dwar l-attenzjoni li tingħata fl-iskola tagħna lejn studenti bi bżonnijiet speċjali?*

R.S. inħasad xi ftit. Ma kienx qed jistenna mistoqsija daqshekk diretta ... imma wara ftit tal-ħsieb wieġeb...

R.S: *Għandna skola fejn dawn l-istudenti jsibu ħafna faċilitajiet ... lifts ... restrooms ...*
A/Kap: *Min taħseb li jieħu ħsieb dawn l-istudenti fl-iskola tagħna?*
R.S: *Ħeqq ... hemm il-facilitators ... il-ħin kollu magħhom!*
A/Kap: *U min aktar?*
R.S**:** *Naħseb l-għalliema wkoll!*
A/Kap: *Inti tieħu ħsiebhom?*
R.S**:** *Għandi xorti naf nieħu ħsieb lili nnifsi sir ... u fuq kollox x'nista' nagħmel jien?*

Kienet it-tweġiba li kont qed nistenna. Għax din mhix il-problema ta' R.S biss! Huma ħafna, anke aħna l-adulti, li ma nafux x'kontribut nistgħu nagħtu lil persuni bi bżonnijiet speċjali.

Ninsew li persuna bi bżonnijiet speċjali:

- tkun tixtieq tiġi trattata bħal persuni oħra;
- għandha qalb u sentimenti bħal kulħadd;
- tgħaddi minn mumenti ta' qtigħ il-qalb u tkun qed tistenna tbissima jew kelma ta' faraġ;
- tieħu gost li ssib min jagħmlilha kumpanija u jitkellem, jiċċajta jew jibki magħha;
- tkun tixtieq li tingħata opportunita` sabiex turi t-talenti tagħha, anke jekk issofri minn diżabbilta`, u tifraħ meta tħoss li qed tingħata importanza daqs ħaddieħor;
- tistenna l-opportunita` sabiex tieħu sehem attiv fil-ħajja ta' kuljum.

Irringrazzjajt lil R.S. għax bis-saħħa tas-sinċerita` tiegħu fhimt li, anke fl-iskola tagħna, għad fadal ħafna xogħol xi jsir sabiex inkomplu nagħtu d-dinjita` mixtieqa lil persuni li aħna nikkunsidraw differenti minna.

**R.S huma inizjali fittizji*

*R. Muscat*
*Assistent Kap*

## Programm ta' attivitajiet marbuta mal-proġett 'Shape-Up'

Il-kumitat *Shape-Up* fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien, flimkien mad-dipartimenti ta' l-Edukazzjoni Fiżika u ta' l-Ekonomija Domestika ppjanaw sensiela ta' attivitajiet varjati li jolqtu l-gosti u l-interess ta' l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri.

**Cross Country – Il-Ġimgħa 27 ta' April 2007**

Madwar 70 student intgħażlu biex jieħdu sehem f'din it-tellieqa ta' 3 kilometri madwar l-iskola. L-għan ta' din l-attivita` kien li ninvolvu rappreżentanza tal-klassijiet kollha ta' kull sena fil-qasam sportiv. Għal din il-ġirja l-iskola tat l-attenzjoni kollha fejn jidħlu miżuri ta' sigurta` u saħħa.

**Sportsfest '07 – Il-Ħamis 3 ta' Mejju 2007**

Wara s-suċċess miksub is-sena l-oħra, l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri ser jibbenefikaw minn dixxiplini u informazzjoni sportivi, bid-differenza li, filwaqt li l-istudenti ta' l-ewwel u t-tieni sena ser ikunu qegħdin jipparteċipaw fl-iskola stess, dawk tat-tielet u r-raba' sena ser jattendu għall-programm barra mill-iskola. B'hekk nassiguraw li l-istudenti kollha jipparteċipaw bis-sħiħ u magħhom jinvolvu rwieħhom l-għalliema u l-ġenituri.

***Shaping-Up Students' Lifestyle* – It-Tlieta 15 ta' Mejju 2007**

Għal dan in-nofs ta' nhar mimli b'attivitajiet, 4 klassijiet tat-tieni sena mill-iskejjel sekondarji fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu (Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien, Liċeo tal-Bniet Margaret Mortimer u Maria Goretti Sekondarja Bniet) ser jintegraw flimkien sabiex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam ma' dieta u sports. B'hekk nanalizzaw id-differenzi u s-similaritajiet li jeżistu bejn iż-żewġ sessi u fl-istess ħin noffru alternattivi prattiċi fil-ħajja mimlija impenji u restritta tal-lum. Żewġ personalitajiet li wrew suċċess fil-kamp sportiv Malti ser jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' l-istudenti parteċipanti u jippromwovu l-benefiċċji ta' ħajja attiva.

***Sports Awards Night Ceremony* - Il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju 2007**

Din is-serata tirrikonoxxi s-suċċess miksub mill-istudenti li għażlu l-kwalita` ta' ħajja f'saħħitha u attiva. Il-programm, li ċertament ser jolqot il-gosti tal-familji Maltin, ser jinkludi wkoll attivitajiet oħra ta' divertiment u ikel.

Kumitat *Shape Up*

## Trevor Żahra u Charles Casha fl-iskola tagħna

F'Marzu li għadda d-Dipartiment tal-Malti stieden fl-iskola tagħna lil Trevor Żahra u Charles Casha. Dan sar biex norbtu mat-tema tal-proġett tat-tieni sena 'Sehem il-Malti fil-Kultura' li jitratta personaġġi Maltin minn oqsma kulturali differenti.

Iż-żewġ laqgħat intlaqgħu tajjeb ħafna. L-istudenti interessaw ruħhom ħafna fis-suġġetti li tkellmu dwarhom iż-żewġ kittieba u anki staqsewhom bosta mistoqsijiet. Dan stqarrewh anki l-kittieba nfushom li ħadu gost bl-interess li wrew l-istudenti. Fl-aħħar tal-laqgħat il-Kap ta' l-iskola ppreżenta tifkira ta' l-iskola liż-żewġ kittieba. Dawn it-tifkiriet inħadmu fl-iskola stess minn studenti ta' l-arti.

Barra minn hekk, ittellgħet ukoll wirja biċ-ċarts li għamlu l-istudenti. Bis-saħħa ta' din il-wirja, wieħed seta' jara l-kreattivita` ta' l-istudenti li għamlu r-riċerka minn qabel dwar il-personaġġ li xtaqu jiktbu dwaru.

*Id-Dipartiment tal-Malti*

## L-Ewwel Post fil-Kompetizzjoni Ecard - Etwinning

Fil-bidu ta' din is-sena skolastika, il-programm *Etwinning* imniedi mill-fondi Ewropej inawgura kompetizzjoni lokali msejħa *"Ecard Competition"*. Il-parteċipazzjoni Maltija f'din il-kompetizzjoni kienet tifforma parti minn attivita` fuq bażi Ewropea li tnediet fost il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea li jiffurmaw parti minn dan il-programm. Il-ħsieb wara l-*Ecard Competition* kien li jħarreġ il-ħsieb u l-kreattivita` ta' l-istudenti fit-tinsiġ ta' kartolina postali għall-użu ta' l-informazzjoni teknoloġika. L-istudenti ġew mistiedna joħolqu tpinġija jew disinn flimkien ma' messaġġ marbut mat-tema *Working Together Across Countries.*

L-iskola tagħna ħadet sehem f'din il-kompetizzjoni permezz tal-kontribuzzjoni mill-istudenti tat-tieni klassi, 2.10, li tifforma parti mill-programm tal-*Foundation.* Nhar it-Tnejn, 2 ta'April, uffiċjali mis-*Servizz Nazzjonali ta' Appoġġ* għall-*Etwinninng* f'pajjiżna infurmaw lill-Kap ta' l-iskola tagħna, is-Sur J. Micallef, li l-iskola tagħna ġiet klassifikata fl-ewwel post fil-kategorija għall-iskejjel sekondarji li kienet miftuħa għall-iskejjel kollha statali, reliġjużi u indipendenti. Il-Kap ta' l-iskola flimkien ma' l-għalliema u l-istudenti ferħu lil din il-klassi għas-suċċess li kisbu għall-iskola filwaqt li awgurawlhom aktar ħidma u tagħlim f'dan il-proġett.

*M.Montebello*

**Nirringrazzjaw lil Dun Albert Schembri li kien direttur spiritwali ta' l-iskola tagħna u nawgurawlu għall-ħatra ġdida tiegħu bħala kappillan ta' Ħal Għargħur.**

Info @ EkoSkola.com
HARGA NUMRU 1

# L-Użu ta' l-Enerġija fl-Iskola Tagħna

**Proġett :**

Il-kumitat Ekoskola qed iniedi proġett ta' investigazzjoni fuq l-użu alternattiv ta' l-enerġija li qed jiġi mħaddem fl-iskola tagħna. Dan hu parti mill-pjan ta' azzjoni ta' dan il-Kumitat fil-ħidma tiegħu favur ambjent aħjar għas-snin li ġejjin.

Il-pjan ta' ħidma ta' dan il-grupp ta' studenti magħruf bħala *Eco Club* huwa li jsir jaf aktar fid-dettall dwar il-proġett interessanti ta' ħarsien ta' enerġija li ġie mwettaq bi prova għall-ewwel darba fl-iskola ġdida tagħna mill-**Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada**. Bħala grupp, fuq il-passi tal-proġett Ekoskola, aħna se nimxu fuq il-pjan ta' azzjoni billi mir-riċerka bħala l-ewwel fażi ngħaddu għall-investigazzjoni. B'assistenza mill-għalliema u bl-għajnuna esperta tas-Sur Paul Cushing, se nkunu nistgħu nieħdu informazzjoni fuq l-enerġija miġbura, użata u merfugħa permezz ta' l-informazzjoni elettronika.

Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, aħna se nkunu nistgħu nanalizzaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' l-użu ta' mezzi alternattivi għall-enerġija. Fuq il-linji gwida t'Ekoskola, aħna se ninfurmaw kemm lill-iskola, lill-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll il-komunita` ta' madwar l-iskola fuq ir-riżultati li nkunu ġbarna u analizzajna. Il-mira tagħna hi li nservu ta' strument biex l-iskola tagħna tirriffletti l-użu effettiv ta' l-enerġija li pemezz tagħha jitwettqu proġetti simili kemm fi skejjel oħra kif ukoll fil-komunita` ta' madwarna.

## *Ħidma mwettqa*

Il-kumitat Ekoskola wettaq diversi laqgħat t'informazzjoni fuq l-użu ta' l-enerġija fl-iskola tagħna kemm waqt l-*Eco Club* li jiltaqa' kull nhar ta' Erbgħa fil-brejk ta' nofsinhar kif ukoll waqt l-attivita` ta' Ekoskola li sseħħ l-Erbgħa wara nofsinhar. Il-membri rappreżentattivi tal-Kumitat għamlu appuntamenti ma' l-inġiniera tal-**Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada** fejn ġew milqugħa b'tant interess u apprezzament. Niringrazzjaw lill-Inġinier Albert Ellul li offra ħafna mill-ħin tiegħu biex jinforma lill-istudenti, iwieġeb mistoqsijiet, jibgħat materjal relatat ma' dan il-proġett u saħansitra dawwarna ma' l-iskola u tana spjegazzjoni fuq il-bejt ta' l-iskola dwar il-*panels* solari. L-istudenti ħadu diversi noti fuq dan il-proġett, wettqu aktar riċerka u ppreżentaw l-materjal tagħhom fuq in-*noticeboard* ta' Ekoskola.

## *Enerġija Solari*

L-Iskola Sekondarja Subien ta' Ħal Kirkop tal-Kulleġġ San Benedittu hija l-ewwel skola f'Malta li fuq il-bejt tagħha ġew installati pjanċi kbar jew mirja magħrufa bħala *solar panels* li jilqgħu fuqhom raġġi sħan tax-xemx li jiġu mibdula f'enerġija elettrika. Dan kien investiment ta' Lm 18,000 li qed jiġi maħsub li se jservi għal 35 sena oħra. Meta wieħed jikkonsidra l-prezz kurrenti taż-żejt u l-elettriku, l-inġiniera qed jikkalkulaw li l-flus ffrankati f'enerġija permezz tal-*panels* ipattu għall-ispiża kapitali fi żmien tnax-il sena. Għalhekk minbarra l-benefiċċji ambjentali u edukattivi, dan il-proġett se jkollu wkoll benefiċċji finanzjarji għas-sistema edukattiva.

Tul l-ewwel xahar wara l-installazzjoni ta' dawn is-*solar panels*, l-Inġinier Ellul infurmana li s-sistema tat 1000 unit t'elettriku (KWHrs), ammont li f'sena huwa stmat li jitla' għal 10,000 unit. Dan it-total ifisser 10 fil-mija tal-konsum elettriku annwali li tuża din l-iskola. Ejjew flimkien napprezzaw din l-enerġija alternattiva u naħdmu biex innaqqsu l-konsum ta' l-elettriku !

## *Kont taf?*

Kull sors ta' dawl li għandna fl-iskola huwa *energy efficient*.

Kull klassi, kurutur, uffiċċju fl-iskola jista' jinxtegħel f'partijiet. Tagħfasx is-*switches* kollha !

L-istruttura ta' l-iskola għandha bibien u twieqi li huma *double–glazed*. Għandna wkoll *sound insulation* u *heat insulation*. Dawn il-fatturi kollha jgħinu biex jitnaqqas l-użu elettriku matul iż-żmien.